MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tad-9 ta' Frar, 2015

Numru. 974/2014

**Il-Pulizija**

**[Spettur Kylie Borg]**

**vs**

**Frankie Falzon**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Frankie Falzon detentur tal-karta tal-identita` numru 138078(M).

Akkuzat talli nhar it-2 t'Ottubru 2014, ghall-habta tas-14.15 ta' wara nofs inhar, gewwa Hal-Qormi

1. Volontarjament ghamel hsara li jammonta ghal aktar minn mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) izda mhux aktar minn elf, mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1164.69) u dan ghad-detriment ta' Doris Briffa u/jew persuni ohra;

2. Bl-imgieba tieghu kkaguna lil Doris Briffa detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 683056M, biza li se tintuza vjolenza kontriha meta kien jaf jew missu kien jaf li l-imgieba teighu se tikkaguna lil Doris Briffa biza' li ser tintuza vjolenza kontriha f'xi okkazjoni;

3. U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi gab ruhu b'mod li ta fastidju lil Doris Briffa u/jew b'mod li kien jaf jew missu kien jaf li dan kien ta' fastidju ghal Doris Briffa;

4. U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta` provizorja imposti mill-Qorti tal-Magistrati ppreseduta mill-Magistrat Dott. Doreen Clarke LL.D. f'dan li ma jikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest, fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur tal-Artikolu, 579(2) tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imsemmi Frankie Falzon u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' 10,000 ewro bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli rrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi huma defenittivi u ma jistghux jigu mhassra.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tohrog ordni ta’ protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C fejn tiprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil Doris Briffa u r-residenza taghha kif ukoll il-post li tali persuna tiffrekwenta;

Rat il-fedina tal-imputat;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata minn din il-Qorti bi procedura sommarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza; u

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tittratta fuq allegat hsarat volontarji mill-imputat kontra il-kunjata tieghu u cioe` Doris Briffa. Hareg illi din ma kienitx l-ewwel darba li gara dan l-incident u l-istess Briffa minn dejjem kienet propensa sabiex tahfer lir-ragel tat-tifla taghha minhabba problema tax-xorb li ghandu u li anke hu ma nnegax li ghandu.

Fil-fatt **Doris Briffa** fix-xhieda taghha tal-ghoxrin (20) ta’ Ottubru 2014, qalet illi dakinhar kiener barra fuq visita il-Polyclinic u f’daqqa wahda cemplitilha it-tifla taghha, u cioe` il-mara tal-imputat, u qaltilha biex ma tmurx id-dar taghha ghaliex Frankie kien hemm qed ifittxha u kien irrabjat hafna ghaliex hu kien qed jahseb li Doris kienet marret ghand il-Welfare officer sabiex tirrapurtah fuq dak li kien qed jigri mal-mara tieghu.

Marret l-ghassa u sussegwentement meta l-pulizija eskortawha lejn id-dar taghha, sabet il-parapett imwaqqa’. Hi sussegwentement kienet anke giet infurmata mill-iskola fejn tahdem il-parte civile li dakinhar l-imputat kien mar ifittxha. Il-parte civile xehdet, illi minhabba din il-problema tax-xorb, hija tinsab dejjem imbezza’ mill-imputat altrimenti huwa ragel tajjeb.

Xehdet il-probation officer **Maria Mifsud** illi spjegat illi l-imputat kien qed jigi segwit fuq POS illi kienet inharget mill-Magistrat Doreen Clarke fl-2011 u kien

hemm ukoll Probation Order mahruga mill-Magistrat Audrey Demicoli ukoll f'dik is-sena fuq akkuzi simili u fejn ukoll l-imputat kellu kundizzjoni li jibda jsegwi programm ghar-rijabilitazzjoni mix-xorb. Hareg illi l-imputat qatt ma ottempera ruhu ma' dawn il-kundizzjonijiet u dan wassal ghal denunzja kontra tieghu mill-istess probation officer.

Xehed **Bartolomeo Mula** fuq l-istima tal-hsarat fuq il-parapett tal-parte civile liema hsarat jammontaw ghal mija u sebghin Ewro (EUR170).

Rat illi fis-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Novembru 2014, l-imputat irregistra ammissjoni tal-akkuzi migjuba kontrih u rega' ikkonferma tali ammisssjoni anke wara li nghata zmienn opportun sabiex jerga' jahsibha. Din l-ammissjoni saret in vista tal-fatt illi l-imputat wera x-xewqa illi jidhol programm tas-Sedqa kontra d-dipendenza fuq l-alkohol. Rat illi sussegwentement l-imputat ma riedx jibqa' jsegwi dan il-programm u din il-Qorti ghalhekk kellha tordna r-riarrest tal-imputat fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Novembru 2014.

Illi ghalhekk din il-Qorti u fuq ammissjoni tal-istess imputat Frankie Falzon tal-akkuzi, u tenut kont illi huwa ma riedx jirrijabilita ruhu permezz ta' programm appozitu, l-unika piena li tista' tinghata lilu hija dik karcerarja.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 325 (c), 251B (1) u (2), 251A 1 (a) u (b) u Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed issib lill-imputat **Frankie Falzon** hati tal-akkuzi kollha kif dedotti u tikkundannah ghal tmien (8) xhur prigunerija.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------